# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 536

It-Tnejn, 4 ta' Ottubru, 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, f'nofsinhar(12p.m.).

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

George Refalo – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-laqgħa.

## 536.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

536.1.1 Il-Laqgħa bdiet f'nofsinhar(12p.m.).Intqalgħet it-talba tal-bidu. Wara d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta mingħand is-Sur Paul Mizzi, is-Sur Frankie Attard u s-Sinjorina Abigail Micallef u l-Membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji rispettivi.

## 536.2 Protest Ġudizzjarju

536.2.1 Is-Sindku ta merħba lill-Membri preżenti filwaqt li rringrazzjahom talli attendew għal din il-Laqgħa b'urġenza li kellha tinżamm f'dan il-ħin partikulari tal-ġurnata.

536.2.1 Is-Sindku filwaqt li għamel aċċenn għall-maltemp u l-għargħar li ħakkmu fuq il-Lokalità ta' Ta' Kerċem u ukoll fuq Għawdex u Malta kmieni l-Ħadd, 3 ta' Ottubru, 2021, għarraf lill-Kunsill li minkejja l-ħafna talbiet mill-Kunsill Lokali lill-Ministeru għal Għawdex sabiex id-Direttorat Eko-Għawdex inaddaf il-widien b'mod speċjali dak tal-Lunzjata, dan it-tindif qatt ma nżamm bil-konsegwenza li kawża tax-xita u l-għargħar għadda ħafna ilma tal-wied u xi karozzi ta' sid fil-qrib inġarru mal-wied bil-konsegwenzi kollha ambjentali li dawn l-inċidenti kkawżaw saħansitra biex ġew merfugħa mill-wied bil-krejn fin-nuqqas ta' preżenza kemm tal-Awtoritjiet Ċivili u Ambjentali kif ukoll tal-Protezzjoni Ċivili u l-Pulizija.

536.2.2 Għaldaqstant, kollox jindika li jistgħu jinbdew proċeduri legali kontra l-Kunsill Lokali meta dan ma jista' jkun qatt responsabbli ta' dak li ġara.

536.2.3 Filwaqt li ngħataw aktar dettalji kif seħħew l-affarijiet mis-Sindku li ħass li hu dovoruż li jkun fuq il-post tal-inċident u li ma jistgħux jinkitbu minħabba inkjesta ukoll li għaddejja kawża tal-inċidenti li seħħew, is-Sindku stqarr li quddiem dan kollu u b'responsabbiltà ċempel lill-Perit Alex Biġeni, Perit indipendenti u li qatt ma ħadem mal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem, fejn talbu jattendi fuq il-post kif ukoll jagħmel rapport inidipendenti u mparżjali ta' kif seħħew u tal-effetti kawża tal-inċidenti kif seħħew sabiex f'każ ta' proċeduri legali, il-Kunsill Lokali jkun jista' jippreżenta dan ir-rapport sabiex jiddefendi r-reputazzjoni tiegħu kullimkien.

536.2.4 Is-Sindku talab ukoll li ġaladarba l-Awtoritajiet kompetenti naqqsu milli jaqdu d-dmirijiet tagħhom bil-konsegwenza li kull incident kollaterali seta' kkawża anke fuq il-Kunsill Lokali, hu jħoss li rrispettivament minn kollox, il-Kunsill għandu

jippreżenta l-protest ġudizzjarju li kellu l-ħsieb li jippreżenta fil-każ ta' xi inċident tat-trakkijiet li qegħdin jiġu permessi li jgħaddu minn ġol-Lokalità, minħabba li ssa kollox qiegħed juri li kwalunkwe inċident li jista' jseħħ ġewwa l-Lokalità, hu personalment u s-Segretarju Eżekuttiv jibqgħu quddiem il-Liġi responsabbli u għalhekk qiegħed jitlob lill-Kunsill japprova l-preżentazzjoni tal-Protest Ġudizzjarju kif oriġinarjament kien maqbul fi ħdan il-Kunsill.

536.2.5 Wara diskussjoni interessanti fejn is-Sur Alvin Grech saħaq li hu minn dejjem kien favur li dan il-protest ġudizzjarju jitressaq irrispettivament minn kollox, il-Kunsill qabel li dan il-protest ġudizzjarju għandu jiġi preżentat kif deċiż u malajr kemm jista' jkun.

## 536.3 Materji Oħra relatati

536.3.1 Is-Sur Alvin Grech, filwaqt li għamel aċċenn għall-korrispondenza li bagħat għall-attenzjoni u l-kunsiderazzjoni tal-Membri tal-Kunsill u in konjizzjoni tal-eżitu tal-Laqgħa li l-Kunsill żamm mal-Ministru għal Għawdex dwar ir-rotta alternattiva għat-trakkijiet ġewwa l-Lokalità, talab lill-Kunsill jikkunsidra l-proposta tiegħu sabiex jiġu kkummissjonat rapport xjentifiku li filwaqt li jidentifika u jelenka l-problemi li r-residenti ta' Ta' Kerċem qegħdin u ilhom żmien isoffru, ir-Rapport għandu jinkludi ukoll l-impatti soċjali u ambjentali li dan it-traffiku qiegħed ikollu fuq il-kwalità tal-ħajja tar-residenti kif ukoll fuq il-Lokalità kollha ta' Ta' Kerċem.

536.3.2 Wara diskussjoni interessanti, il-Kunsill qabel li għandu jinżamm dan ir-Rapport xjentifiku kif propost mill-Kunsillier Alvin Grech, filwaqt li nkariga lis-Sur Alvin Grech sabiex flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv jikkoordinaw flimkien it-tfassil ta' dan ir-Rapport skont u b'osservanza tal-proċeduri tax-xiri u dawk finanzjarji f'kull stadju tat-tlestija ta' dan ir-Rapport. Il-Kunsill qabel ukoll li l-ispejjeż relatati ma' dan ir-Rapport li qiegħed jiġi kkummissjonat biss minħabba li l-Awtoritajiet kompetenti qegħdin jitlajjaw sabiex din ir-rotta alternattiva isseħħ, għandhom jiġu preżentati lilhom ukoll flimkien mar-Rapport u fil-mument opportun.

## 536.4 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

536.4.1 Il-laqgħa ntemmet fis-12.47pm ta' wara nofsinha u ġiet aġġornata l-Ġimgħa, 5 ta' Novembru 2021 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | George Refalo<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |